MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 23/2010

**A B**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ippremettiet :

Illi l-kontendenti kienu zzewgu fid-disgha (9) ta’ Mejju elfejn u tlieta (2003), u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet kien inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza’;

Illi l-kunsens ta’ xi wahda mill-partijet ikun inkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg iniffsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi l-partijiet, ghalkemm m’humiex interdetti jew morda b’mohhhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-artikolu 19 (1) (a), (c), (d) u/jew (f) u/jew (h) tal-Att dwar iz-Zwigijiet (Kapitolu 255) tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddecidi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminjarmanet r-rikorrenti ghandha ai termini tal-artikolu 156 (4) tal-Kap. 12 tindika min huma x-xhieda fir-raba u fil-hames paragrafu tar-rikors guramentat;

2. Illi inoltre u bla pregudizzju ghal premess l-esponent ma jopponix ruhu ghat-talba tar-rikorrenti izda huwa ma ghandux ibaghati spejjez.
3. Salvi risposti ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici xehdet illi qabel ma izzewget ommha u missierha kienu jippretendu illi hija tidhol id-dar f'certu hin. Hija xehdet illi dan kien jaqlala problemi mal-konvenut meta kienu gharajjes peress illi l-hbieb taghhom kienu idumu barra tard. L-attrici xehdet illi kienet tiltaqa mal-konvenut fic-centru parrokjali ta' hdejn id-dar taghha u ommha saret taf b'dan kollu u kienet irrabjat peress illi ma kellhiex grazzja mal-konvenut ghaliex kienet ratu jaghti kunfidenzi zejda lit-tfajliet ohrajn fejn ic-centru parrokjali. L-attrici xehdet illi hija madanakollu webset rasha u baqghet tohrog mieghu. L-attrici xehdet illi l-genituri taghha kienu isseparaw meta hija kellha biss hdax (11) il-sena u il-pis kollu tal-familja kien waqa fuq ommha. Hija kompliet tixhed illi missierha ma tantx kien jaraha peress illi ma kienx insista li jkollu access ghaliha, izda meta hija iltaqghet mal-konvenut kien iz-zmien meta kienet iddecidiet li terga taghmel kuntatt ma missierha u missierha kien sar hbieb mal-konvenut u mal-familjari tieghu. Hija xehdet illi iddecidiet illi titlaq mid-dar peress li ma felhitx iktar ghal ommha tghidilha biex titlaq lill-konvenut u bdiet tghix mal-konvenut f'post illi kienu krew. Xi sitt jew seba xhur wara, kienu iddecidew illi jixtru post flimkien. Kienu ghamlu zmien jghixu mal-genituri tal-konvenut sabiex jiffrankaw il-flus, izda hi ma hassithiex komda u ghalhekk regghet marret ghand ommha u baqghet tghix ma ommha sa kemm izzewget lill-konvenut

fis-sena 2003. L-attrici xehdet illi maz-zmien ommha bdiet tipprova taccetta lill-konvenut. Hija maz-zmien indunat illi l-konvenut kien jipprova jikkontrollaha. L-attrici kompliet tixhed illi peress illi kellhom bzonn il-flus, hija bdiet tahdem part time flimkien max-xoghol taghha regolari u ma tantx kien ikollha hin biex tiltaqa’ mal-konvenut. L-attrici kompliet tixhed illi kienet indunat illi l-konvenut kien jaghti attenzjoni lil tfajliet ohrajn u kien jghir hafna ghaliha u kien possessiv hafna, tant illi ma kienx ihalliha isuq il-karozza. Hija qalet illi ippruvat twaqqaf ir-relazzjoni taghhom, izda huwa kien hadha bi kbira u kienet thassritu u kien ghalhekk illi regghet irrangat mieghu. Dakinhar tat-tieg hija ma rieditx tizzewweg, izda ommha kienet qaltilha illi la waslet sa dak il-punt kellha tibqa ghaddejja u tizzewweg. L-attrici xehdet illi wara il-honeymoon it-tnejn li huma kienu dejjem ikunu ix-xoghol, anke xoghol part-time, u meta jiltaqghu id-dar ikollhom joqghodu separatament minn xulxin inkella jibdew jiggieldu. Kienet indunat illi l-konvenut kien qieghed ikollu hafna kuntatti bil-mobile, qatt ma kien jitlaq il-mobile minn idejh, kien jidhol fil-kmamar jissakkar u jibda icempel u meta kienet titolbu spjegazzjonijiet ma kienx jikkonvinciha xejn. Huma kienu izommu bank accounts separati u hu kien dejjem jaghmel il-kalkoli u jitlobha sehemha jew id-differenza minn xi haga li jkunu hallsu u hi bdiet taghmel bhalu ukoll. Maz-zmien il-konvenut kien beda jghidilha illi kellu gharusa u hi ghall-bidu ma kienitx taf jekk kienx qieghed jiccajta jew le. Meta qaltlu illi ser titlob is-separazzjoni, il-konvenut beda jifrah u ma ippruvax isalva iz-zwieg. Il-prioritajiet tieghu kienu l-oggetti materjali u beda jiddiskuti u jiehu affarijiet mid-dar taz-zwieg. L-attrici xehdet illi kemm damu jghixu flimkien, li kien biss sena u tmien xhur, kienet indunat li ma kienitx taf min kien il-konvenut. Huma qatt ma kienu ghamlu xi pjantijiet jew iddiskutew sabiex ikollhom it-tfal. Il-konvenut kien biss jikkontrollaha u ma kienx ihobbha verament. Illum il-gurnata indunat illi ir-raguni li baqghet mal-konvenut ma kienitx ghaliex kienet thobbu kif jitlob is-sagrament taz-zwieg, izda sabiex tipprova turi illi l-konvenut ma kienx dak illi kulhadd kien jahseb li kien, izda fl-ahhar kellha taghti ragun lil kulhadd ghaliex il-konvenut kien dejjem mohhu f’nisa ohrajn.

Ikkunsidrat :

Illi hu l-attrici Michael B xehed illi kien jaf lill-konvenut il-*youth centre* u dejjem kien jarah jaghmel certu bluff mat-tfajliet u jittantahom. Ix-xhud qal illi kien ipprova javza lill-attrici b'dan, izda hija kienet hadet ghaliha u ma rieditx tisma`. Huwa xehed illi l-partijiet kienu aktar interessati filli jiehdu loans u jaraw l-oggetti ta' min kienu individwalment u mhux bhala koppja, milli kienu interessati fir-relazzjoni ta' bejniethom, u kien jara li ma jghaddux bizzejjed hin wahedhom. Ix-xhud qal illi meta hu stess kien izzewweg u kien ser ikollu tarbija minn mal-mara tieghu u kien qal b'dan lill-konvenut, il-konvenut beda jidhak u qallu illi issa vera kien ser jitghallaq. Huwa xehed illi meta kien imur ghand il-partijiet, il-konvenut kien joqghod f'kamra wahdu u jevita illi ikellmu.

Illi xehdet ukoll omm l-attrici u qalet illi hija qatt ma riedet lil bintha tohrog mal-konvenut ghaliex kienet tarah baxx, mohhu hafna biex jiccajta ma tfajliet ohrajn u li kien differenti minn bintha, izda bintha qatt ma tatha widen. Omm l-attrici xehdet illi kellha glieda kbira ma bintha biex tipprova tipperswadiha titlaq lill-konvenut, izda bintha kienet hadet hafna ghaliha, ghamlet ta' rasha u wara ftit kienet anke telqet mid-dar.

Illi hut l-attrici xehdu u ikkollaboraw dak illi qalet kemm l-attrici u kif ukoll omm l-attrici.

Ikkunsidrat :

Illi xehed il-konvenut u qal illi meta l-attrici kienet qaltlu illi riedet tissepara sena u ftit xhur biss wara li kienu izzewgu dan kien xokk kbir ghalih u wara li telqitu beda jinduna illi kellha kwalitajiet illi li kienu induna bihom qabel izzewweg certament ma kienx jizzewigha. Huwa xehed illi kien spicca pupu f'idejha, li hadet li riedet minnu umbaghad telqitu minghajr ma jaf ghalfejn. Il-konvenut xehed illi l-attrici riedet tehles minn ommha u ghalhekk ftehmet mieghu illi jikru post u imorru joqghodu hemm hekk flimkien, basta tehles minn ommha. Wara xi zmien kien induna illi kienu qeghdin jonfqu il-flus fil-hela u kien

ghalhekk illi marru jghixu ghand il-genituri tieghu. Il-genituri tieghu kienu insistew illi hu ma jorqodx flimkien mal-attrici u kien ghalhekk illi l-attrici regghet marret tghix ghand ommha. Il-konvenut xehed illi waqt l-gherusija l-attrici kienet possessiva hafna, dejjem tissuspetta fih u mohha fejn kien qieghed ikun hu u x'kien ikun qieghed jaghmel, tant illi marret timpjega ruhha fl-istabilimenti fejn kien jahdem hu. Il-konvenut xehed illi meta kien jasal ix-xoghol, l-attrici kienet iggieghelu icemplilha u ihalli il-mobile mixghul sabiex hi toqghod tisma jekk ikellimx lil xi tfajla u huwa kien jaghmel kif kienet trid hi ghaliex kien ihobbha. Huwa xehed illi kien lesta il-post b'kollox u kien ghamel ukoll l-ghamara kollha fil-post u ghalhekk kien ikollu hafna spejjez u kien jahdem hafna u kien ghalhekk illi ma indunax bil-loghoba illi skond hu kienet qeghda tintlaghab mill-attrici. Il-konvenut xehed illi kien ghamel tieg first class ghaliex hekk riedet l-attrici u tghidx kemm kien rema ikel wara it-tieg. Xehed ukoll illi oht l-attrici kienet isseparat biss wara ftit xhur li kienet izzewget u l-attrici kienet qaltlu "issa ahna imiss" u fil-fatt ghall-ewwel birthday tieghu kien ircieva ittra minghand l-avukat tal-attrici fejn gie infurmat li riedet tissepara. Huwa xehed illi l-attrici izzewgitu biss sabiex tisfida lil ommha u anke ghaliex riedet tizzewweg, u wara li izzewget birdet minn mieghu u riedet titilqu. Il-konvenut ikkonferma illi wara illi izzewgu kienu jaqsmu il-kontijiet ugwalment bejniethom u ma kellhom qatt but wiehed, kullhadd ghal rasu. Kienet iggieghelu jahsel nofs id-dar u mal-ewwel argument telqet mis-sodda matrimonjali u marret torqod fl-ispare bedroom, u dan mill-bidu nett taz-zwieg u ovvjament ma kellhomx tfal. Wara iz-zwieg, saret aktar possessiva minn qabel, dejjem mohha tghid illi kellu xi gharusa, u dan meta skond hu kien mela id-dar daqs bajda bix-xoghol illi kien ghamel hu wahdu. L-attrici regghet bdiet tintefa aktar ghand ommha u ommha bdiet timliha kontra tieghu, dan dejjem skond il-konvenut. Il-konvenut xehed illi wara iz-zwieg l-attrici inbidlet minn lejl ghan-nhar, ma komplietx tahsel u issajjar u lanqas riedet torqod mieghu, mohha biss biex takkuzah li qieghed ma xi haddiehor, tissikkah u issus warajh. Hu xehed illi la kien jaf lil min kien qieghed jizzewweg u lanqas kien jaf x'inhi hajja mizzewga u dana

peress illi hu u l-attrici qatt ma ghexu din il-hajja mizzewga.

Ikkunsidrat :

Illi xehdet omm il-konvenut u qalet illi meta l-attrici kienet toqghod ghandha qabel iz-zwieg qatt ma ghenitha fix-xoghol tad-dar, jew fil-hasil tal-hwejjeg. Hija xehdet illi l-attrici minn dejjem kienet tghir ghall-konvenut u kienet tbiddillu l-istazzjon tat-television ghaliex kienet tghid illi qieghed jara nisa fuq it-television. Kienet tghir hafna ghalih u kienu jiggieldu hafna peress illi l-attrici kienet ghajjura hafna ghalih. Omm il-konvenut xehdet illi l-attrici kienet anke marret tahdem part-time fejn kien jahdem il-konvenut u riedet illi l-konvenut ibiddel xogholu peress illi kienet tghir ghalih.

Illi missier il-konvenut ikkollabora ix-xhieda ta' martu. Missier il-konvenut xehed illi l-attrici isseparat ghaliex kienet hekk istigata biex taghmel minn ommha, u skond missier il-konvenut, omm l-attrici kienet dejjem tghid lit-tfal kontra missierhom, l-attrici kienet imrobbijia minn ommha biss peress illi ommha u missierha isseparaw meta kienet ghadha zghira u kienet influenzata hafna minn ommha.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici tikkontendi illi z-zwieg taghha mal-konvenut huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (a) tal-Kap. 255 illi jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza sew fizika, sew morali, jew biza. Il-Qorti rat illi ma irrizultax illi l-kunsens ta' xi hadd mill-partijiet inkiseb bi vjolenza, fizika, jew morali, jew inkella biza.

Illi l-attrici xehdet illi izzewget lill-konvenut peress illi bezghet illi jekk titilqu kien jiehu xi pilloli, kif kien ghamel meta kienet telqitu it-tfajla illi kellu qabilha, izda mix-xiehda kollha illi instemghet u mill-provi kollha illi tressqu il-Qorti rat illi din il-kawzali ma gietx ippruvata.

Illi l-attrici tghid ukoll illi z-zwieg tal-partijiet huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 illi jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga. Illi l-Qorti rat illi din il-kawzali ma gietx ippruvata u dana peress illi irrizulta illi l-attrici minn dejjem kienet tghir ghall-konvenut, il-konvenut kien jaf b'dan u l-attrici kienet tarah ukoll jaghti kunfidenza lil tfajliet u ghalhekk il-Qorti tara illi l-partijiet kienu jafu bil-kwalitajiet ta' xulxin.

Illi l-fatt biss illi l-attrici kienet tghid lill-konvenut illi huwa kellu jghinha fix-xoghol tad-dar ma iwassalx ghal qerq da parti tal-attrici.

Illi wara kollox huwa normali illi l-konvenut kellu jghin fix-xoghol tad-dar u dana peress illi l-attrici kellha impjieg full-time, kif ukoll impjieg part-time bhalu, u huwa kien jinsisti illi hija thallas nofs il-kontijiet kollha, ghalhekk il-Qorti ma tarax ghalfejn il-konvenut ma kellux ukoll jaghmel nofs ix-xoghol kollu tad-dar.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici tikkontendi ukoll illi iz-zwieg huwa null peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizjat b'difett serju ta diskrezzjoni ta gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittjiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga. Illi sabiex ikun hemm nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju irid ikun hemm inkapacita psikika jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali,

Illi jekk jirrizulta illi fil-mument tal-ghoti tal-kunsens taz-zwieg, parti jew ohra kienet priva b'mod sostanzjali minn dik il-fakolta kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita affettiva presupposta ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett, allura iz-zwieg ikun null. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju mhuwiex semplicement nuqqas ta' hsieb u lanqas ma iffiser illi wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati, izda bniedem irid xjentement u

bir-rieda tieghu jaghzel iz-zwieg u jkun konsapevoli bid-drittijiet u bid-dmirijiet essenzjali taz-zwieg u tal-hajja mizzewga.

Illi l-Ligi taghna ma tiddefinix l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, izda dawn huma dawk illi fis-socjeta' Maltija dejjem u invarabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u cioe :

*1)* L-obbligazzjoni li tirrigwarda l-att taz-zwieg bhala ghaqda bejn mara u ragel u bazi ta' prokreazzjoni tal-ulied.
*2)* L-obbligazzjoni tal-komunita tal-hajja u imhabba bhala espressjoni tal-ghaqda bejn mara u ragel.
*3)* Il-'mutual well-being' li jinghaqad mal-ambjent li jwassal ghat-tkattir tal-ulied u l-edukazzjoni u t-trobbija taghhom.
*4)* L-obbligazzjoni illi l-konjugi jkollhom it-tfal u irabbu it-tfal fil-kuntest tal-hajja taz-zwieg.

Illi huwa mehtieg illi l-partijiet, meta jaghtu il-kunsens taghhom, ikunu konxji tal-obbligi, id-dmijiet u r-responsabbilitajiet li iggib maghha il-hajja mizzewga u cioe illi hija unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli.

Illi minn ezami tal-provi, il-Qorti tara illi z-zewg partijiet kienu ferm nieqsa minn din id-diskrezzjoni ta' gudizzju.

Illi irrizulta illi l-partijiet kienu aktar mohhhom filli jew isegwu lil xulxin ghaliex huma ghajjurin, jew illi jahdmu bla nifs biex jimlew id-dar daqs bajda, u ghalhekk irrizulta illi meta izzewgu ma kienx hemm dik il-bazi u dak il-preparament mehtieg ghaz-zwieg. Effettivament, ftit wara, iz-zwieg sfaxxa kollox u il-partijiet isseparaw wara ftit xhur.

Illi irrizulta mill-provi illi ftit wara iz-zwieg il-partijiet ma baqghux ikollhom x'jaqsmu ma xulxin, qatt ma ghexu il-komunita u il-hajja ta' imhabba bhala mizzewgin, kellhom kontijiet u butijiet separati u kienu jitolbu lil xulxin in-nofs ta' kollox, jixtru l-affarijiet ghal rashom u jippretendu illi mill-ikel illi jixtri wiehed ma jiekolx l-iehor, qatt ma

ippjanaw u donnhom qatt ma riedu li jkollhom it-tfal u bdew ukoll johorgu wahedhom separatament mal-hbieb taghhom u mhux bhala koppja.

Illi l-Qorti tara illi irrizulta illi l-partijiet ma kienux konsapevoli ta’ x’verament iffisser zwieg  u certament la darba qatt ma kienu konsapevoli b’dawn id-drittijiet  u obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, lanqas ma kienu kapaci illi jaqdu u jassumu dawn l-obbligi u dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga.

Ikkunsidrat :

Illi l-attrici ikkontendiet ukoll illi z-zwieg huwa null ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 illi jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta’ xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi fl-interpretazzjoni ta’ dan is-subartikolu dejjem gie ritenut illi l-eskluzjoni posittiva ma ghandhiex bil-fors tirrizulta minn xi haga espressa direttament mill-partijiet, izda tista tirrizulta wkoll mill-imgieba ta’ xi hadd mill-partijiet, jew tat-tnejn minnhom, fil-perjodu immedjatament qabel u wara illi jkun inkiseb il-kunsens taz-zwieg.

Illi biex tirrizulta simulazzjoni totali irid ikun gie eskluz iz-zwieg innifsu, irid ikun ippruvat illi il-‘finis operis’ taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta’ parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi ghal dak illi jirrigward simulazzjoni parzjali u cioe’ l-eskluzzjoni posittiva ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qrati taghna dejjem irritenew illi  l-elementi essenzjali taz-zwieg jikkonsistu fil-komunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubilita tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghal fedelta u id-dritt ghal prokreazzjoni tal-ulied.

Illi l-komunjoni tal-hajja mizzewga tikkomprendi zewg elementi u cioe’ l-imhabba konjugali u r-responsabbilita tal-familja. Effettivament, l-element tal-indissolubilita’ taz-zwieg jirrikjedi illi l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda mibnija fuq il-fedelta u il-formazzjoni tal-familja.

Illi l-Qorti rat illi mill-provi kollha li gew prodotti irrizulta illi z-zewg partijiet eskludew iz-zwieg innifsu. Huma kienu mohhom biss biex jahdmu, jaqsmu il-kontijiet nofs bin-nofs, kif ukoll it-tindif tad-dar nofs bin-nofs, l-attrici kienet mohhha biex issegwi lill-konvenut ghaliex dejjem kienet tghid illi kien qieghed jibdilha, l-attur beda ihossu issikkat, hadd minnhom ma ried illi jkollu t-tfal, qatt ma ghexu il-hajja mizzewga u irrizulta illi t-tnejn illi huma lanqas biss ma kienu jafu verament xi ifisser iz-zwieg. Ghaldaqstant il-Qorti tara illi din il-kawzali giet ukoll ippruvata.

Illi mhux pero’ l-istess jista jinghad dwar il-kawzali l-ohra imsemmija mill-attrici u cioe’ illi z-zwieg huwa null peress illi l-partijiet, ghalkemm mhux interdetti, jew morda b’mohhom, ma kellhomx fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta’ rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg.

Illi l-Qorti rat illi sabiex tirrizulta din il-kawzali irid jigi ippruvat illi xi hadd mill-partijiet, jew it-tnejn illi huma, kienu f’dak il-mument illi taw il-kunsens taghhom fi stat illi lanqas kienu jafu x’qeghdin jaghmlu, jew minhabba sokor, jew minhabba effett ta’ xi pilloli, jew drogi ecc. Il-Qorti tara illi din il-kawzali ma gietx ippruvata.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa t-talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u il-konvenut huwa null u bla effett peress illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b’difett serju ta diskrezzjoni ta gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittjiet u id-dmirijiet essenzjali taghha, u peress ukoll illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-

zwieg. Il-Qorti tordna illi kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------